MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 197/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Muscat talli f'dawn il-Gzejjer nhar-il 21 ta' Gunju 2001 u t-tliet xhur ta' qabel, f'Mgarr u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija

mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/19390 kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

ċ) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu

tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) ukoll talli matul is-sena 1998 kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

e) ukoll talli matul is-sena 1998 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Emanuel Muscat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap. 101, ir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31, sabet lill-imsemmi Emanuel Muscat hati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet b’dan pero` li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, filwaqt li ma sabitux hati tar-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u minnhom illiberatu. L-istess Qorti kkundannat lill-imsemmi Emanuel Muscat ghal piena ta’ prigunerija ta’ tliet xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ €234;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Muscat ipprezentat fil-5 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tar-raba' (d) u l-hames (e) imputazzjonijiet kif ukoll fejn sabitu hati tat-tielet (c) imputazzjoni; u (2) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel (a) u tat-tieni (b) imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah skond il-ligi; (3) alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li s-sejbien ta' htija tieghu dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet hija *unsafe and unsatisfactory*. L-appellant jghid illi huwa mhuwiex jikkontesta l-pussess illegali ta' eroina izda qieghed jikkontesta kemm l-allegazzjoni li huwa forna l-eroina kif ukoll il-pussess bil-kwalifika. Jghid li l-prova principali hija l-istqarrija tieghu izda trid tigi ezaminata fil-qafas tal-provi u r-rizultanzi kollha u mhux b'mod izolat. Skond l-appellant huwa kien kategoriku fic-cahda tieghu li qatt biegh droga. Imbaghad jghid illi meta shabu ma kienx ikollhom karozza, f'xi okkazjonijiet, ghamlilhom pjacir billi gabilhom xi pakkett. Skond l-appellant, meta l-legislatur ried jattakka t-traffikar tad-droga, ma kellux il-fattispecje tal-kaz odjern quddiem ghajnejh, u proprju ghaliex il-fatti ta' dan il-kaz m'ghandhomx il-kwalifiki biex jitqiesu bhala traffikar ta' droga jew pussess tad-droga ghall-ispacc. In pessima ipotesi, isostni l-appellant, tali fatti aktar jinkwadraw ruhhom f'dik id-disposizzjoni tal-ligi li tittratta x-*"sharing"*. Ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti. Dawn jikkonsistu semplicement fix-xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud u fl-istqarrija ta' l-appellant.

L-Ispettur Josric Mifsud xehed illi l-appellant kien stqarr li qatt ma biegh eroina izda kien imur jixtriha minghand persuna il-Mellieha u jgib anke ta' shabu.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jaghmel dawn id-dikjarazzjonijiet:

**"M: Inti qatt bighhejt droga?**
**"R: Le, qatt ma bieght. Pero` gieli morna jien u shabi, u hadthom jien biex nixtru l-ismack. U gieli gibt xi pakkett jew tnejn ghal shabi, pero` jien ma kontx naghmel qliegh, ghax jien kont nixtri l-pakkett b'ghaxar liri, u kont naghtihulhom bl-istess prezz, jigifieri ma kont naqla' xejn.**
**…**
**"M: Kemm domt tqassam dawn il-pakketti lil shabek?**
**"R: Gieli meta cempluli jew staqsewni biex ingibilhom xi pakkett jew nehodhom mieghi minghand min kont qieghed nixtri, jien jew ituni l-ghaxar liri minn qabel, imbaghad immur ghand dan il-bniedem u ngib minn hemm, jew inkella jekk kienu jcempluli fuq it-telecell tieghi kienu jhallsuni meta mmur niltaqa' maghhom. Jien kont naghmel hekk ghax ma kellhomx karozza u kont naghmlilhom pjacir….**
**…**
**"M: Tixtieq tghid xi haga ohra?**
**"R: Nixtieq nghid li jien ma bieghtx drogi u dak li ghamilt ghamiltu ghax dawn il-hbieb tieghi ma kellhomx karozza u ghamiltu bi pjacir hux…."**

Jigi rilevat l-ewwelnett illi ghall-finijiet tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond il-paragrafu (1B) ta' l-artikolu 22 ta' l-istess Kap. 101, **"[i]l-kelma 'jittraffika' (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina,**

**tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami, l-appellant cahad li biegh. Izda t-traffikar mhuwiex unikament il-bejgh, u ghalhekk ma tezisti l-ebda kontradizzjoni fl-istqarrija ta' l-appellant kif gie sottomess waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Difatti l-Ordinanzi li jikkontrollaw id-drogi jitkellmu dwar min "ibiegh jew jittraffika". U kif wiehed jista' jara mid-definizzjoni ta' traffikar, hemm diversi modi ta' kif wiehed jista' "jittraffika". Imbaghad, meta l-legislatur uza l-kelma "tinkludi", huwa kien qieghed ifisser illi l-lista minnu moghtija ma kinitx lista ezawrjenti. Difatti saru diversi pronunzjamenti minn dawn il-Qrati fis-sens illi t-traffikar jinkludi kull mod li bih droga tista' titwassal ghand persuna.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jammetti li gieli ha lil shabu biex jixtru minghand min kien jixtri l-eroina hu (mela mhux biss tahom l-informazzjoni minghand min setghu jixtru izda sahansitra hadhom hu), gieli tawh il-flus minn qabel biex jixtrilhom u hu xtralhom u kkonsenjalhom dik id-droga, u gieli talbuh jixtrilhom u kienu jhallsuh wara. Dan l-agir tieghu kollu kien jikkostitwixxi "traffikar" ghall-finijiet tal-ligi.

L-appellant jissottometti illi fl-aghar ipotesi dak li kien qieghed jaghmel kien *"sharing"*. Rilevanti f'dar-rigward huwa s-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 li jipprovdi:

**"(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu."**

Fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat b'dan il-mod:

**"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun <u>tista'</u> (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel**

**darba[1], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

Mill-istqarrija ta' l-appellant huwa evidenti illi ma kien qieghed isir l-ebda *"sharing"*. Id-droga li l-appellant kien qieghed jakkwista ghalih kienet separata minn dik li kien qieghed jakkwista ghal shabu. Inoltre f'ebda waqt fl-istqarrija tieghu ma jghid illi huwa qatt kellu d-droga ghalih u qasamha ma' haddiehor.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghall-piena, l-ewwel Qorti qieset il-fedina penali nadifa ta' l-appellant kif ukoll li ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Issa, mill-fedina penali esebita a fol. 8 jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Settembru 1995 l-appellant kien diga` nstab hati dwar pussess tal-pjanta cannabis u nghata *conditional discharge* ghal zmien sitt xhur. Issa, mill-fedina penali aggornata jirrizulta, almenu *prima facie*, illi b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Gunju 2006 l-appellant instab hati dwar ksur tal-ligijiet tat-traffiku inkluz li saq vettura li ma kinitx licenzjata u li kienet minghajr assikurazzjoni. Imbaghad jirrizulta wkoll illi nstab hati f'zewg okkazjonijiet ohra dwar pussess ta' eroina – sentenza tal-15 ta' Settembru 2008 dwar pussess ta' eroina fit-22 ta' Frar 2007 u sentenza tat-12 ta' Novembru 2009 dwar pussess ta' eroina fil-11 ta' Mejju 2008. Dan ifisser li l-appellant, seba' snin wara l-kaz odjern li jirrisali ghall-2001, kien ghad ghandu problema ta' abbuz ta' l-eroina.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tittempera ulterjorment il-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

---

[1] Ara it-<u>tieni</u> *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan."

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------